# BEATNICS

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Il-lum, fuq it-taraġ tas-**Sacre Coeur** f'Pariġi,
iltqajt mal-**beatnics** maħmuġin,
fuq xulxin mitluqin,
b'xagħarhom imdennes, twil, ferħanin,
b'għajnejhom indennsin
jimirħu fuq il-Belt ta' taħthom,
qishom bla ma jifhmu jew jaraw
l-Istorja timraħ:
djar, palazzi, knejjes, siġar sbieħ, l-Eiffel, ix-xmara,

bañħ! qishom ma jħeġġu l-ebda ħsieb
fir-ras misjura għax iż-żmien sajjarha!

U serrep mas-sinsla l-bard
għaliex ħassejtni dieħel fl-Iżmna Mudlamin
fejn in-nies ħasset il-ħajja
waqt li qatlet l-għerf, u l-ħsieb,
bħal musbieħ, baqa' jixgħel f'xi kunvent 'il bogħod!

Jekk iż-żgħożija għas-sens tintreħa,
l-irġiel ta' għada x'ser jieħdu mid-dinja?
U META dawk tal-lum jgħaddu lil hemm
mhux huma jridu l-baħħ jimlew?
Għalfejn il-qamar,
jekk tal-art il-ħidma tieqaf u taqta'?

U liema raġel sar mingħajr ma ċċaħħad?
Xogħol tal-ħmir daqs tal-irġiel, titwaħħad!

Pariġi, 13/vii/1970.